# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**ILLUM ID-29 TA' OTTUBRU 2019**

**Kawza Numru:**

**Rik. Gur. 177/2018 RGM**

**Fl-atti tas-Subbasta 34/16**

**Fl-ismijiet**

**AC Fuels Limited**
**(C 60673)**

**vs.**

**Anthony Schembri u martu Jacqueline**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment dwar talba imressqa minn Anthony Schembri b'rikors tal-4 ta' Gunju 2019 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tordna s-soprassessjoni ta' dawn il-proceduri pendenti l-ezitu ta' kawza kostituzzjonali li Anthonyh Schembri intavola.

Ir-rikors imsemmi jaqra kif gej:-

1. Illi qed issir din it-talba ghas-soprasessjoni ta' din l-Onorabbli Qorti waqt li qed tinstema' kawza kostituzzjonali dwar il-fatt illi s-smigh ma kienx xieraq.

2. Huwa veru li din hija kompletament diskrezzjonali ghall-qorti ghaliex, waqt illi kieku kien hemm referenza din il-qorti trid izzomm u tistenna sakemm ikollha d-definizzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali, meta l-azzjoni l-ohra tkun inbdiet b'rikors, bhalma hu dan il-kaz, hija kwistjoni tal-ghaqal tal-gudikant li jara hux fl-interess tal-gustizzja li jkun hemm soprassessjoni jew le, sakemm ikun hemm decizjoni fuq l-ezitu tal-aspett kostituzzjonali.

3. Il-qrati qatt makienu konsistenti fuq dan l-aspett u meta l-interess tal-gustizzja hekk kien jitlob, aktar ressqu li jjissoprasjedu sakemm tigi definita tali kwistjoni.

4. Kien hemm ukoll, halli wiehed jghid kollox, kazijiet fejn il-qorti ma ssoprasedietx imma mbaghad ir-rizultat kien iktar komplikazzjonijiet. Kaz minnhom bhal dan kien **Michael Attard Ltd. kontra Emanual Ciantar, Qorti tal-Magistrati 345/2012**, fuq karozza Peugeot. Kien hemm pendenti dak iz-zmien kawza kostituzzjonali. Il-Qorti ma riditx tissoprassjedi. Inqatghet l-kawza kostituzzjonali favur Emanuel Ciantar u sahansitra spiccat il-Qorti Ewropeja li mhux biss ikkonfermat imma tat hafna aktar danni milli kienu taw il-Qrati Maltin. Pero` l-komplikazzjonijiet ta' wara mhumiex zghar. Din il-kawza ghadha pendenti.

5. Ghandu jinghad ukoll li barra s-sentenza kostituzzjonali li qieghed jistenna Anthony Schembri hemm ukoll kawza ohra fuq il-punt legali jekk is-subbasta bil-kriterju li jista' jinxtara fond b'persentagg tal-valur tieghu fis-suq hijiet proporzjonali u jekk hemmx vjolazzjoni tal-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

6. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali idedecidiet b'dan il-mod. L-avukat sottoskritt kien prezenti meta kienet qed tigi dibattuta din il-kwistjoni quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u huwa prezunt li fi zmien qasir tinghata s-sentenza relattiva, Il-kawza hija **Sebatiano Guccione et. vs. Avukat Generali et. 46/2016 deciza mill-Prim'Awla u tinsab differita ghas-sentenza quddiem il-Qorti Kostituzzjonali ghat-12 ta' Lulju, 2017**.

7. Fil-korp ta' din is-sentenza hemm riferenza ghal **Kanala vs. Slovakkia moghtija fl-10 ta' Lulju 2007 (57239/00)** dik il-Qorti sabet lezjoni tal-istess artikolu minhabba l-bejgh sfurzat tal-applikant b'valur inqas minn valur reali.

Ghaldaqstant l-esponenti ghar-ragunijiet premessi waqt li qieghed il-karti kollha fuq il-mejda quddiem dinl-Onorabbli Qorti jitlob bir-rispett illi fl-interess tal-gustizzja f'kaz bhal dan, ikum hemm is-soprasessjoni sakemm jigu definiti l-proceduri kostituzzjonali.

Rat **ir-Risposta ta' AC Fuels Limited** ghar-rikors ta' Anthony Schembri pprezentata fit-23 ta' Lulju, 2019 fejn jinghad kif gej:

"1. Illi fl-ewwel lok ta minn ifakkar li l-azzjoni odjerna hija rikors ghas-sospenzjoni ta' proceduri ta' subbasta u mhux essenzjalment xi kawza bhal ma donnu jindika l-intimat fir-raba' paragrafu tar-rikors tieghu, illi skond l-esponenti dawn il-proceduri u kemm dawk intavolati quddiem il-~Qorti Kostituzzjonali huma biss intizi mill-intimat biex itawwal kemm jistghu l-proceduri ta' subbasta; illi konferma ta' dan huwa l-fatt li dawn il-proceduri ilhom pendenti ghal oltre minn sena u li sallum kien hemm tmien seduti li fihom sar ftit li xejn!

2. Illi fir-rigward tal-proceduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, fejn l-intimat Anthony Schembri qieghed jitlob allegat rimedju, ta minn ifakkar lill-istess Schembri kien debitament assistit minn avukat tal-ghazla tieghu waqt il-proceduri li qieghed jipprova jattakka u kien anke deher quddiem il-Qorti assistit mill-avukat tieghu! Ghalhekk l-allegazzjonijiet tieghu huma skond l-esponenti infondati u minghajr bazi;

3. Illi huwa *ben risaput* li qorti m'ghandhiex tordna is-soprasessjoni jekk il-parti l-ohra tkun ser tbati pregudizzju – illi f'dan il-kaz jekk il-qorti kellha tordna s-soprassessjoni, s-socjeta` esponenti ser issofri pregudizzju finanzjarju *stante* li s-subbasta in kwistjoni qeghda ssir a bazi ta' sentenza ezekuttiva (li ma gietx lanqas appellata), fejn is-socjeta` esponenti kienet dovuta ammont sostanzjali bhala hlas ghall-*fuels* li l-intimati kienu xtraw, bieghu u thallsu tieghu pero` naqsu li jhallsu lis-socjeta` esponenti li forniethom bl-istess *fuels* – illi ghalhekk jekk il-Qorti kellha tissoprassjedi l-esponenti ser issofru pregudizzju finanzjarju anke minhabba t-trapass taz-zmien *stante* li l-proceduri kostituzzjonali ghadhom ukoll fil-bidu taghhom peress li l-intimati Schembri qeghdin jaghzlu li jtawwlu kemm jistghu!

4. Illi jinghad ukoll li s-soprasessjoni hu rimedju straordinarju u ghandu jigi applikat biss jekk hu necessarju fl-amministrazzjoni tal-gustizzja – illi pero` l-intimati ma ressqu ebda prova jew argument li s-soprasessjoni hija mehtiega fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja; illi ta' minn jerga jfakkar li t-talba odjerna ilha ghaddejja ghal oltre minn sena u kien biss issa li l-intimati ghazlu li jressqu t-talba taghhom ghas-soprasessjoni!

5. Illi ta' minn jirrimarka u dan jirrizulta anke mill-process tas-subbasta odjerna li l-process tas-subbasta issa ilu ghaddej gmielu u l-intimati ghamlu minn kollox biex itawwlu dan il-process, inkluz

billi li ma jifthux lill-marixxall ghan-notifika, billi li bil-forza oggezzjonaw ghall-marixxalli u l-perit nominat mill-Qorti li jaccedi l-fond biex jaqdi l-inkarigu tieghu, ghalhekk ghandu jidher li l-intimati ilhom zmien jafu b’dawn il-proceduri ta’ subbasta u l-ilment kostituzzjonali taghhom ghazluh li jressquh issa meta kien jidher li evidenti li l-process ta’ subbasta kien wasal fi tmiemu; illi ghalhekk skont l-esponenti, l-procedura odjerna ghat-talba ghas-soprasessjoni u l-kawza kostituzzjonali huma xejn ghajr l-ahhar sforzi mill-intimati biex itawwlu l-proceduri tal-Qorti;

6. Illi fl-ahharnett is-sospensjonijiet huma fakoltattivi ghall-Qorti u mhux obbligatorji u ghalhekk skont l-esponenti gialadarba li ma jezistux l-elementi necessarji ghas-soprasessjoni u gialadarba huwa evidenti li s-socjeta` esponenti ser tigi pregudikata finanzjarment u anke bid-dewmien taz-zmien, allura skont l-esponenti din it-talba m’ghandiex tintlaqa.

Ghalhekk u ghar-ragunijiet hawn fuq imfissra s-socjeta` esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba ghas-soprasessjoni u minflok tordna u tiffissa zmien sa meta l-intimati ghadhom jikkonkludu bil-provi taghhom."

Ikkunsidrat;

Fl-14 ta' Dicembru 2015 is-socjeta' AC Fuels Limited ottjeniet sentenza ta' kanonizzazzjoni ta' kreditu kontra Anthony Schembri, Jacqueline Schembri u Christopher Schembri li permezz taghha l-konvenuti gew kkundannati jhallsu lis-socjeta' imsemmija s-somma ta' €180,352.28 oltre l-imghax u l-ispejjez.

Minn dik is-sentenza la sar appell u lanqas ritrattazzjoni.

Fid-19 ta' Mejju 2016 is-socjeta' AC Fuels Limited istitwiet il-proceduri ta' subbasta immobbli odjerni fejn talbet il-bejgh taht l-

Awtorita' tal-Qorti tal-fond immobiljari 201, Saint Helen Street, Sliema, proprjeta' ta' Anthony u Jacqueline konjugi Schembri. Din il-Qorti diversament presjeduta innominat lill-Perit David Bonello ghall-finijiet ta' valutazzjoni izda l-inkarigu tieghu ma esplitahx peress li ma inghatax access ghall-immobbli imsemmi.

Fit-22 ta' Frar 2018 il-konjugi Schembri intavolaw kawza kostituzzjonali fejn qed jallegaw ksur tad-dritt fundamentali taghhom ghal smiegh xieraq fil-kawza ta' kanonizzazzjoni ta' kreditu. L-ghada 23 ta' Frar 2018 huma intavolaw rikors fl-atti tas-subbasta odjerna fejn talbu illi minhabba l-kawza kostituzzjonali imsemmija il-Qorti tordna s-sospensjoni tas-subbasta.

B'digriet tat-13 ta' April 2018 moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta, talba tal-Perit David Bonello sabiex ikun assistit minn Marixxalli tal-Qorti halli jaqdi l-inkarigu lilu moghti peress li ma inghatax access mill-konjugi Schembri ma gietx milqugha pendenti l-ezitu tar-rikors ghas-sospensjoni tas-subbasta.

Fl-4 ta' Gunju 2019 Anthony Schembriipprezenta ir-rikors mertu ta' dan il-provvediment fejn qed jitlob illi pendenti l-ezitu tal-kawza kostituzzjonali, il-Qorti tordna s-soprassessjoni tas-smiegh ta' dawn il-proceduri fl-atti tas-subbasta.

Ikkonsidrat;

Dwar it-talba ghas-soprassessjoni il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

"Gie deciz diversi drabi mill-Qrati taghna li l-Qorti ghandha tilqa' talba ghall-soprasessjoni meta hu espedjenti li taghmel hekk" (Vol.39 p. 1. P 467 **Galea vs Galea** u Appell Civili **Cassar vs Xuereb** 12.3.1973) ["**Angelo Mallia et vs David Mallia et**" deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2004]. "Is-

soprasessjoni hu rimedju straordinarju u ghandu jigi applikat biss jekk hu necessarju fl-amministrazzjoni tal-gustizzja" (Vol. XLI. p1. P.507). "Il-provvediment tas-soprasessjoni huwa allura indikat ghal dawk il-kazijiet meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta sa dik is-soluzzjoni" ["**Joseph Azzopardi et vs Victor Critien pro et noe"** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' April 1962].

Aktar recenti l-Qorti Kostituzzjonali f'sentenza moghtija fid-29 ta' Marzu 2019 fl-ismijiet "**Annetto Farrugia vs Avukat Generali et**" irrevokat digriet ta' soprassessjoni moghti mill-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) u rriteniet illi "fil-fehma ta' din il-Qorti, irid jiġi ppruvat ukoll li t-tkomplija tal-istess smiegħ tkun sejra tikkaġuna preġudizzju li ma jistax jissewwa lil min jitlob ir-rimedju straordinarju tas-soprassessjoni." Intqal ukoll illi: "Is-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista' jiddependi mill-ezitu ta' kawza ohra, u ghalhekk ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta' din id-dipendenza" **Joseph Degaetano noe v. Avukat Louis Galea et noe,** - Appell Civili - deciza 5 ta' Ottubru 1981 iccitata b'approvazzjoni f'sentenza fl-ismijiet **Bartolo & Kyle Limited vs Rodnei Catania** moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-23 ta' April 2018.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, dak li l-Qorti trid tikkonsidra huwa jekk il-proceduri pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali jolqtux il-prosegwiment tal-proceduri odjerni tant illi jinnecessitaw li din il-Qorti fil-process odjern tifriza l-process sabiex tistenna l-ezitu tal-kawza kostituzzjonali. Is-soprassessjoni hija mizura straordinajra f'cirkostanzi eccezzjonali li min-natura intrinsika taghha ghandha l-effett, allavolja mhux mixtieq, li ttawwal il-proceduri li jigu sospizi. Ir-riga dwar jekk is-soprassessjoni hiex

mehtiega jew le jiddependi minn kemm il-Qorti li tigi rinfaccjata b'talba simili hiex tal-fehma illi l-amministrazzjoni tal-gustizzja tigi effettwata negattivament jekk qabel tiddeciedi l-kaz li ghandha quddiemha ma jkunx qabel xejn deciz il-mertu tal-kawza l-ohra.

Issa fil-kaz odjern il-konjugi Schembri adixxew lill-Qorti Kostituzzjonali fejn qed jallegaw ksur tad-dritt fundamentali taghhom ghal smiegh xieraq fil-process tal-kawza ta' kanonizzazzjoni ta' kreditu li giet deciza kontra taghhom.

Ir-rimedju li qed jintalab fil-kawza kostituzzjonali imsemmija jista' potenzjalment iwassal ghat-thassir tas-sentenza ta' kanonizzazzjoni ta' kreditu. Ghalhekk fic-cirkostanzi jkun xieraq u floku illi din il-Qorti tordna s-soprassessjoni tas-smiegh ta' dawn il-proceduri pendenti l-ezitu tal-kawza kostituzzjonali imsemmija.

Il-Qorti tirrileva wkoll illi fuq is-somma kanonizzata qed jiddekorri imghax legali ta' 8% illi bit-trapass taz-zmien tista' tkun somma wkoll konsiderevoli, li wkoll hemm l-istess proprjeta' immobiljari li qed taghmel tajjeb. Ifisser dan illi jekk finalment jirrizulta li l-konjugi Schembri m'ghandhomx ragun fl-ilment kostituzzjonali taghhom, ser ihallsu prezz mhux zghir ghad-dewmien konsegwenzjali.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' r-rikors ta' Anthony Schembri tal-4 ta' Gunju 2019 u tordna s-soprassessjoni tas-smiegh tar-rikors ta' Anthony u Jacqueline Schembri tat-23 ta' Frar 2018 pendenti l-ezitu tal-kawza kostituzzjonali fuq imsemmija; riappuntabbli fuq talba tal-partijiet u ta' kull minn ghandu interess guridiku f'dawn il-proceduri.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**